Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 234 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Primary Education – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Primary Education – B.A. (Hons) – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà " tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Primary Education – B.A. (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Primary Education Studies – H.Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Primary Education – B.A. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett wieħed.

(2) L-applikanti kkunsidrati skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibbilità ta' dawn l-applikanti għandha tkun deċiża mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(3) Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 16 tar-Regolamenti għad-Dħul, il-Bord tad-Dħul, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord tal-Istudji, jista' jħalli jidħlu applikanti fi kwalunkwe sena tal-Kors.

(4) Mal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti kollha għandhom jissottomettu Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, u huma m'għandhomx ikunu nklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri.

4. L-applikanti bi kwalifiki oħra kkunsidrati bħala suffiċjenti jistgħu jiġu eżentati mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, minn dawn ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kollha jew parti minnhom.

5. (1) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi umani u l-għadd ta' klassijiet xierqa disponibbli għall-komponent tal-esperjenza fil-qasam

tax-xogħol. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, sakemm li 10% ta' dawn il-postijiet disponibbli jkunu riservati għall-applikanti eliġibbli kkunsidrati skont it-termini tal-paragrafu (2) tal-ordinament 3. Jekk xi post riservat jew il-postijiet kollha ma jimtlewx, dawn il-postijiet għandhom ikunu disponibbli għall-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali tal-kors.

(2) Meta l-għadd tal-applikanti li jistgħu jiġu aċċettati fil-Kors hu ristrett skont it-termini tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kwalifiki akkademiċi tagħhom li jingħataw piż skont il-kriterji tal-għażla li jkunu ppubblikati fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, sakemm li l-applikanti kkunsidrati skont it-termini tal-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 3 jkunu magħżula skont il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tagħrif u l-esperjenza f'ambjenti edukattivi; u
(b) il-kwalifiki akkademiċi.

(3) Jekk, wara li jkun stabbilit l-ordni tal-klassifikazzjoni kif indikat hawn fuq, ikun hemm klassifikazzjoni ugwali għal post wieħed jew aktar, dawk l-applikanti fl-istess pożizzjoni għandhom jiġu intervistati.

(4) Il-bord tal-intervisti, maħtur mill-Bord għal dan il-għan, għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri mid-Dipartiment tal-Early Childhood and Primary Education.

6. Il-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, għandu l-ewwel jikkunsidra l-applikanti eliġibbli li l-kwalifiki tagħhom ġew miksuba fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola jew minn bord tal-eżamijiet ieħor, jekk il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jkun sodisfatt li l-kwalifiki ppreżentati huma komparabbli fil-kontenut u ekwivalenti għall-livell tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fl-istess suġġett / suġġetti. Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki u r-rekwiżiti speċjali tal-kors kif stipulat fl-ordinament 3, ġew miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel. Jekk ikun għad hemm postijiet disponibbli, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki neċessarji kollha u li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċjali tal-kors kollha kif stipulat fl-ordinament 3 wara l-31 ta' Awwissu u qabel it-30 ta' Settembru għandhom ikunu kkunsidrati għall-mili tal-postijiet li jibqgħu.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

8. (1) Il-programm ta' studju, li hu magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS, għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(2) Minnbarra il-programm ta' studju speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, l-istudenti huma meħtieġa wkoll li:

(i) jirreġistraw u jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju inklużi fil-Programm ta' Komunikazzjoni u Ħiliet Akkademiċi (CASP); u

(ii) joqogħdu għal Test ta' Ħiliet fil-Malti fil-bidu tal-Kors,

sakemm li l-applikanti li għaddew fil-Malti fil-Livell Intermedju jew Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew li għandhom kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit. L-istudenti li jeħlu fit-Test ta' Ħiliet fil-Malti jkunu meħtieġa jsegwu u jtemmu b'suċċess kors ta' profiċjenza fil-Malti matul il-Kors.

9. (1) L-istudenti li jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju preskritti li jammontaw għal 120 krettu ECTS, inklużi żewġ esperjenzi fil-qasam tax-xogħol, u ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu intitolati għall-Higher Diploma.

(2) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk huma jtemmu b'suċċess:

(i) it-taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors;

(ii) it-taqsimiet studju kollha inklużi fil-Programm ta' Komunikazzjoni u Ħiliet Akkademiċi (CASP); u

(iii) it-Test ta' Ħiliet fil-Malti jew il-kors ta' profiċjenza fil-Malti, jekk meħtieġ.

L-Esperjenza fil-Qasam tax-Xogħol

10. (1) Għandu jkun hemm perijodu ta' esperjenza fil-qasam tax-xogħol f'kull sena tal-Kors full-time li tkopri perijodu ta' osservazzjoni u/jew tagħlim fl-ambjent ta' skola tal-Edukazzjoni Primarja, taħt superviżjoni, kif determinat mill-Bord, diment li għall-korsijiet fuq bażi part-time għandu jkun hemm tal-anqas tliet esperjenzi fil-qasam tax-xogħol.

(2) Il-Bord għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għall-esperjenza fil-qasam tax-xogħol li għandu jsegwi r-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università u kwalunkwe proċeduri oħra li l-Bord jista' jiddetermina għall-għan tal-esperjenza fil-

qasam tax-xogħol, sakemm li dawn il-proċeduri jkunu f'konformità mar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mill-esperjenzi fil-qasam tax-xogħol kollha. L-istudenti jistgħu jagħmlu esperjenza fil-qasam tax-xogħol waħda biss fi kwalunkwe sena akkademika tal-Kors u jitħallew jirrepetu esperjenza fil-qasam tax-xogħol li weħlu minnha darba biss.

(4) L-għadd ta' żjarat għall-valutazzjoni jkun speċifikat fil-linji gwida tal-Fakultà iżda l-eżaminaturi jistgħu jżidu ż-żjarat għall-valutazzjoni kif jidhrilhom xieraq.

(5) L-istudenti huma meħtieġa jirrispettaw il-Kodiċi ta' Etika u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-esperjenza fil-qasam tax-
ippubblikati mill-Bord. Kwalunkwe ksur ta' dawn il-Kodiċi jkun riferut lil Bord tal-Eżaminaturi tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol u tista' ssir rakkomandazzjoni permezz tal-Kumitat tad-Dixxiplina jew bord ieħor xieraq għat-tkeċċija mill-Kors.

(6) (a) L-istudenti li, għal raġunijiet ta' saħħa, ma jattendux għal sa tliet ijiem tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol għandhom jippreżentaw ċertifikat mediku fi żmien 24 siegħa lill-koordinatur tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol. Iċ-ċertifikat mediku, miktub minn tabib mediku, għandu jiddikjara biċ-ċar ir-raġuni medika li qiegħda timpedixxi lill-istudent milli jattendi l-iskola u għandu jinkludi l-isem, il-firma u n-numru tar-reġistrazzjoni medika tat-tabib mediku.

(b) Meta l-istudenti ma jattendux fl-ambjent ta' skola tal-Edukazzjoni Primarja għal sa tliet ijiem għal raġunijiet ta' saħħa jew kwalunkwe raġuni oħra li l-Bord jikkunsidra bħala valida, kif ukoll f'ċirkostanzi speċjali li għalihom tingħata approvazzjoni minn qabel mill-Bord tal-Eżaminaturi tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol, huma għandhom jiġu mitluba biex ipattu għal xi doveri ta' tagħlim li ma jkunux saru skont l-istruzzjonijiet maħruġa mill-koordinatur tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol u mill-Kap tad-Dipartiment tal-Early Childhood and Primary Education.

(ċ) L-istudenti li ma jattendux għal erbat ijiem jew aktar ikunu meħtieġa jew li jirrepetu l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol kollha jew, fid-diskrezzjoni tal-Bord, jistgħu jkunu meħtieġa jwettqu ġranet addizzjonali ta' prattika taħt superviżjoni matul l-istess sena akkademika skont kif mitluba mill-Bord.

(7) L-istudenti jkunu ddikjarati li għaddew mill-esperjenza fil-qasam tax-xogħol mill-Bord tal-Eżaminaturi tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol biss. Il-ġudizzju akkademiku u professjonali tal-Bord tal-Eżaminaturi tal-esperjenza fil-qasam tax-xogħol ma jistax jiġi rivedut.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad li jkun segwit fuq bażi full-time għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors li għandhom jingħataw piż kif ġej:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	50%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad segwit fuq bażi part-time għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-ħames snin tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(3) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Higher Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

12. Biex tingħata l-klassifikazzjoni tal-Ewwel Klassi bl-Unuri, il-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu speċifikament jikkunsidra l-livell milħuq mill-istudenti matul l-esperjenzi fil-qasam tax-xogħol.

13. Il-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Higher Diploma għandhom ikunu ppubblikati skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

14. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.